MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 358/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**Vs**
**Mumen Traore sive Mumin Trabule`**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli

1. fl-24 ta’ Awwissu 2008 ghall-habta tan-nofs siegha ta’ wara nofsinhar ta’ gewwa “Dar il-Paci” Triq Enrico Mizzi, Ta’ Xbiex

a. bil-hsieb li jaghmel delitt cioe`, bil-vjolenza jikkommetti stupru fuq il-persuna ta’ Rita Cucciardi ta’ sess feminili, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-hati, jew inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li hati jkun inqeda bihom;

b. kif ukoll fl-istess data, hin lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Rita Cucciardi kontra l-volonta` taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
c. kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess Rita Cucciardi;

2. F'Lulju 2008 gewwa Blokk 6 Flat 1 Triq Enrico Mizzi Ta' Xbiex
a. bil-hsieb li jaghmel delitt cioe`, bil-vjolenza jikkommetti stupru fuq il-persuna ta' Ritianne Cardona ta' sess feminili, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-hati, jew inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li hati jkun inqeda bihom;
b. kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Ritianne Cardona kontra l-volonta` taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu;
c. kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess Ritianne Cardona;

3. F'Marzu 2008 gewwa "Charles Flats", Flat 1 Triq Enrico Mizzi, ta' Xbiex
a. bil-vjolenza, kkommetta stupru vjolent fuq Mary Portelli;
b. kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Mary Portelli kontra l-volonta` taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

c. kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess Mary Portelli;

Kif ukoll fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, gieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir jew jonqos milli jaghmel xi haga;

Kif ukoll fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, kien fil-pussess ta’ arma rregolari (turnavit) minghajr licenzja ta’ Awtorita` Kompetenti;

Kif ukoll fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghalkemm minghajr il-hsieb li jaghmel reat iehor dahal fid-dar fejn joqghod haddiehor wara li jkun gie mwissi minnu li m’ghandux jidhol jew dahal bil-mohbi tieghu jew bi skuza falza jew b’qerq iehor.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Awwissu, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-14 ta’ Dicembru 2009 u senjatament l-artikoli 41, 198, 251(1), 86, 87, 339(1)(o), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala 1(a) u 1(b), 2(a) u 2(b), 3(a) u 3(b), 4(a) u 4(b), kif ukoll tal-hames (5) u tas-seba` (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu piena kumplessiva ta’ tmien (8) snin prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni u stante li l-imputazzjonijiet immarkati bhala 1(c), 2(c), 3(c) u 4(c) inghataw bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta’ stupru jew ta’ attentat ta’ stupru li taghhom l-appellant instab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti inoltre ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tat-turnavit immarkat bhala Dok. Ad esebit waqt l-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2008 u ordnat il-konfiska w id-distruzzjoni tal-lizar immarkat bhala Dok MC2 ukoll esebit waqt l-udjenza tat-28 ta’ Ottubru, 2008.

B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici kriminali l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf, mija w dsatax-il Ewro u tlieta w disghin Ewro centezmi (€1119.93), liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Sabiex tipprotegi l-identita` tal-vittmi l-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem il-vittmi kif ukoll tax-xhieda l-ohra prodotti mill-prosekuzzjoni fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta’ Awwissu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah minn dawk l-akkuzi migjuba kontra tieghu, ta’ liema huwa nstab hati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

a. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin prodotti quddiem, meta sabet illi l-allegati vittmi kienu kredibbli fir-rendikont taghhom tal-fatti. Dan ghaliex jekk wiehed jezamina bir-reqqa r-rendikont tal-allegati vittmi jidhru bic-car certu diskrepanzi fir-rendikont taghhom illi jitfghu dubbju serju fuq il-veracita ta’ dak li qalu l-allegati vittmi;
b. Illi inoltre, l-Ewwel Qorti ma ezaminatx bizzejjed bir-reqqa l-attendibilita tal-identifikazzjoni tieghu mill-allegati vittmi, u dan nonostante l-fatti illi l-allegati vittmi preattikament qatt ma identifikaw lill-appellant individwalment izda dejjem bhala “dak l-iswed”, jew “dak l-Afrikan”. Fil-fatt skond wahda mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, Lucienne Mallia “lanqas Taghrfu. Razza differenti”, u skond ix-xhud John Formosa “imbaghad hareg wiehed Afrikan .... 99% naghrfu”. Illi f’dan ir-rigward ukoll issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Apell

Kriminali tat-2 ta’ Gunju 2005 fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Ali Bwn Mohammed Hechmi Bettaieb” u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta’ Lulju 1998 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Stephen Zammit”, liema sentenzi kienu jirrigwardaw l-identifikazzjoni tal-akkuzat u l-procedura tal-“identification parades”. Fis-sentenza “Il-Pulizija vs Stephen Zammit”, il-Qorti tal-Appell tat importanza partikolari ghall-fatt illi l-allegati vittmi kienu gew murija r-ritratti ghall-identifikazzjoni flimkien b’hekk b’aktar riskju li jinfluwenzaw lill-xulxin u saret referenza wkoll ghall-importanza li ma jkunx hemm xi suggeriment indirett dwar il-persuna eventwalment identifikata;

c. Illi inoltre, l-Ewwel Qorti ma kelliex tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellant, anke jekk huwa ma kienx gie moghti d-dritt li jikkonsulta ma’ Avukat qabel ma rrilaxxa dawn l-istqarrijiet ghaliex d-difiza fl-ebda hin ma talbet li dawn jigu sfilzati mill-process.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant qed jigi akkuzat talli bejn Marzu u Awwissu ta’ l-2008 huwa kien qed ihuf fl-inhawi ta’ Triq Enrico Mizzi Ta’ Xbiex u hemmhekk ikkommeta stupru vjolenti fuq Mary Portelli kif ukoll attentat ta’ stupru vjolenti fuq il-persuni ta’ Ritienne Cardona u Rita Cucciardi. L-aggravju ta’ l-appellant huwa imsejjes principalment fuq il-fatt illi l-ewwel Qorti tat wisq affidament lix-xhieda moghtija minn Rita Cucciardi, Ritianne Cardona u Mary Portelli. Dan ghaliex minn ezami akkurat tax-xhieda moghtija minn dawn it-tlett persuni jirrizulta diskrepanzi kbar u anke bdil ta’ verzjonijiet principalment minn Rita Cucciardi. Kompla jghid illi l-ewwel Qorti fl-apprezzament taghha m’ghamlet l-ebda accenn ghal dawn id-diskrepanzi li kollha jirreferu ghal-identifikazzjoni ta’ l-appellant u jekk dan kellux xi sikkina jew xi arma. Issottomenta illi ma giex identifikat b’certezza la minn dawk it-tlett persuni u lanqas minn Lucienne Mallia illi kienet fil-vicin li qalet biss illi rat ragel diehel ghand Ritienne u li kien ta’ razza Affrikana. Mary Portelli ukoll ma tat l-ebda identifikazzjoni pozittiva illi tista’ twassal ghand l-appellant.

Minn naha l-ohra, l-Avukat Generali jikkontesta dawn l-allegazzjonijiet u jghid li ma kien hemm l-ebda dubju dwar l-identifikazzjoni ta’ l-appellant minn Rita Cucciardi u ukoll Maria Portelli. Bhalma ukoll ma kien hemm l-ebda dubbju ta’ identifikazzjoni minn Ritianne Cardona u Charlene Degiorgio. Issottometta illi l-ewwel Qorti kellha l-opportunita li tisma’ x-xhieda viva voce u ghamlet l-apprezzament taghha u ghalhekk mhux il-kaz illi darba dan l-apprezzament huwa legalment korrett u ragonevoli li jigi disturbat mill-Qorti ta’ l-Appell.

Ikkunsidrat:

Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali, l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-provi biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u ezaminat il-provi li gew imressqa quddiem l-ewwel Qorti u bhal l-ewwel Qorti m’ghandha l-ebda dubju dwar l-identifikazzjoni ta’ l-appellant u cioe` li kien hu illi wettaq stupru fuq Mary Portelli u attentat ta’ stupru fuq Rita Cucciardi u Charmaine Cardona. Il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-appellant inqabad in flagrante meta kien ghadu fir-residenza ta’ Rita Cucciardi. Il-verzjoni ta’ Cucciardi hija koroborata ukoll mill-ezamijiet forenzici illi saru minn Dr. Marisa Cassar fejn wara ezamijiet teknici irrizultalha tracci ta’ fluwidu seminali fuq il-lizar ta’ sodda illi ndikat l-istess Rita Cucciardi.

Il-Qorti ma tridx tinsa illi l-appellant kien ilu jdur f’dawk l-inhawi xi erba’ xhur u kulhadd kien qieghed jarah. Ghalhekk meta jikkommetta dawk ir-reati, ma kienx difficli ghal persuni li joqghodu fl-inhawi illi jgharfu lill-appellant. A fol 21 hemm ix-xhieda ta’ Ritianne Cardona illi ddentifikat bla ebda dubju l-appellant bhala l-persuna illi ipprova jistupraha. A fol 61 ta’ l-Atti hemm deskrizzjoni grafika u cara dwar dak li ipprova jaghmel l-appellant u kif din ix-xhud ukoll identifikat l-appellant id-Depot tal-Pulizija peress li kien liebes l-istess flokk u l-istess jeans illi kien liebes meta gie ghandha fir-residenza taghha. A fol 24 u

25 hemm ix-xhieda grafika ta’ Maria Portelli u kif l-appellant gie fuqha meta qabez mit-tieqa, garrha fil-kamra tas-sodda u heddha b’turnavit ma’ ghonqha. Portelli ukoll irrakuntat x’diskors inghad bejniethom fejn minkejja li kien hemm diffikulta fil-lingwa pero bis-sinjali u l-uzu tal-lingwa Ingliza f’monosillabi ma thalla l-ebda dubju dwar l-intenzjoni ta’ l-appellant.

Jekk kien hemm xi diskrepazzjonijiet fid-depozizzjonijiet tax-xhieda dawn huma minuri fil-konfront ta’ l-istampa shiha ta’ l-akkadut. L-assjem tal-provi juri bic-car illi l-appellant wettaq dak li gie addebitat bih u din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi kien l-appellant illi stupra lil Mary Portelli u li prova jistupra lil Rita Cucciardi u Ritianne Cardona. L-oggezzjonijiet imqajma mid-difiza quddiem il-Qorti ta’ l-Appell gew abbilment trattati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha liema sentenza hija studjata, dettaljata u fiha r-ragunamenti li jwasslu ghal konkluzzjoni wahda biss u cioe dik tal-htija ta’ l-appellant.

Kif qalet il-kawza ‘Repubblika ta’ Malta vs Ivan Gatt’ deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ewwel ta’ Dicembru tan-1994 intqal : “ fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti, fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anke jekk kien hemm konverzjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberalment u seneralment tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk il-verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentament giet emmnuta… il-funzjoni anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament.” Din il-Qorti hija sodisfatta illi f’dan il-kaz ma gie vjolat l-ebda principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat. Dan ghaliex din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju. Il-Prosekuzzjoni irrnexxiela tiprova fi grad li trid il-Ligi illi l-akkuzat huwa hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata id-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkunx hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt ('Repubblika vs David Vella' 14/6/1999, 'Repubblika vs Eleno sive Lino Bezzina' 24 t'April 2003 u ohrajn). Il-piena inflitta tidhol fil-paramentri tal-Ligi u f'dan il-kaz ma hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak fil-fatt erogat. Ghalhekk mhux il-kaz illi hawnhekk il-piena tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------